- *ksur ta' smiegħ xieraq minħabba nuqqas t'assistenza t'avukat waqt l-interrogazzjoni*
- *intempestivita` tal-proċedura*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 14 ta' Lulju, 2020.

## Rikors Nru. 175/19 GM

## Clive Dimech

## vs

## Avukat Ġenerali

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur li wara li ppremetta :-

Illi l-esponent tressaq b'arrest quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014), akkużat illi f'dawn il-Gżejjer fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) kellu fil-

pussess tiegħu d-droga Cannabis f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu u illi f'Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) ttraffika d-droga Cannabis, Kokajina u l-Ecstasy.

Illi sussegwentement l-esponent tqiegħed taht Att t'Akkuza bin-numru 12/2017 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clive Dimech;

Ilment Kostituzzjonali

1) Dritt tal-Assistenza Legali matul l-interrogazzjoni tiegħu u taż-żewg xhieda Justin Zahra u Wayne Pisani

Illi jiġi rilevat illi l-każ odjern ġie msejjes fuq l-istqarrijiet illi ġew rilaxxati mill-esponenti [l-akkużat] u ż-żewg xhieda Justin Zahra u Wayne Pisani, liema stqarrijiet ingħataw mill-esponenti u miż-żewg xhieda mingħajr ma ingħatalhom id-dritt illi jkollhom l-avukat tal-fiduċja tagħhom preżenti waqt tali stqarrijiet peress illi l-liġi f'dak iż-żmien ma kienetx tippermetti dan.

Peress illi l-liġi fiż-żmien illi fih l-esponenti u ż-żewg xhieda ġew arrestati u investigati ma kienetx tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat matul tali stqarrijiet dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent għal smiegħ xieraq *ai termini* tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi l-esklużjoni totali ta' avukat tal-fiduċja tal-esponenti mill-istadju tal-investigazzjoni, partikolarment waqt it-teħid tal-istqarrija huwa leżiv tad-drittijijet fundamentali tiegħu għall-smiegħ xieraq u hija ta' preġudizzju kbir għall-esponenti;

Illi d-dritt tal-assistenza legali għall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bħala aspett tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal

Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ġie stabbilit permezz ta‘ ġurisprudenza kopjuża u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem liema dritt ġie ritenut illi jiġi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa‘ siekta tul il-kors kollu tal-arrest tagħha [ara fost l-oħrajn: Salduz vs. Turkey, Dayanan v. Turkey, Pischalnikov v. Russia, Plonka vs. Poland, Brusco vs. France, Pavlenko vs. Russia, Boz vs Turkey, Demirkaya vs Turkey, Mario Borg vs Malta, A.T. vs Luxemborg).

Illi f'Malta l-Qrati Nostrani wkoll sabu ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq fis-sentenzi Christopher Bartolo vs AG, Il-Pulizija vs Aldo Pistella, Il-Pulizija vs Claire Farrugia, Il-Pulizija vs Alvin Privitera u Pulizija vs. Esron Pullicino.

Għalhekk l-istqarrijiet mogħtija mill-esponent ingħataw fi żmien meta huwa ma setgħax ikollu lill-avukat tal-għazla tiegħu preżenti tul l-istqarrija u għalhekk ma setax jiġi spjegat lilu l-konsegwenzi ta' dak li qiegħed jgħid. Għaldaqstant il-fatt illi l-istqarrijiet tal-esponent ġew ammessi fil-proċeduri, liema stqarrijiet skont ġurisprudenza kopjuża kemm Ewropea kif ukoll dik Maltija ittieħdu b'mod leżiv u jiksru d-dritt fundamentali għal smiegh xieraq, ikkundizzjona u jista' jikkundizzjona b'mod negattiv il-konkors tal-proċeduri kriminali.

Illi inoltre jiġi rilevat illi l-istqarrijiet ta' Justin Zahra u Wayne Pisani għandhom jiġu sfilzati mill-inkartament kriminali stante illi kemm Justin Zahra u kemm Wayne Pisani ma kellhomx il-fakulta' illi jikkonsultaw ma' avukat tal-fiduċja tagħhom qabel ma rrilaxxaw tali stqarrijiet. Illi fil-fatt, mill-provi prodotti fil-proċeduri odjerni fosthom l-istqarrijiet esebiti jirriżulta ampjament illi kemm Justin Zahra u kemm Wayne Pisani rrilaxxaw tali stqarrijiet (inkluż dawk illi taw bil-ġurament) mingħajr ma ingħataw id-dritt illi jikkonsultaw ma' avukat tal-fiduċja tagħhom u għalhekk l-istess stqarrijiet u kull referenza għalihom hija leżiva għad-drittijiet

fundamentali tal-esponenti stess kif sanċiti fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi jiġi rilevat illi kienu Justin Zahra u Wayne Pisani stess illi saħansitra attakkaw il-validita' tal-istqarrijiet rilaxxati minnhom permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet ipprezentata fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-Att tal-Akkuza bin-numru 14/2012 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Justin Zahra u Omissis fejn talbu illi l-istess stqarrijiet jiġu dikjarati ammissibbli.

Illi dwar ir-rimedju mitlub minnu, l-esponenti jagħmel referenza inter alia għad-deċizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Panovits vs Cipru, deċiża fil-11 ta' Diċembru, 2008, fejn il-Qorti qalet:

"It reiterates that when an applicant has been convicted despite an infringement of his rights as guaranteed by Article 6 of the Convention, he should, as far as possible, be put in the position that he would have been in had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings.''

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi minħabba l-fatt illi, l-esponenti ma kellux l-assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tiegħu, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa:-

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jissottometti li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-kwistjoni mqajjma mir-rikorrenti. Dan għaliex dan l-artikolu jgħodd biss fejn inkun inbeda proċediment quddiem Qorti (ara s-sentenza għar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco* deċiża fil-15 ta' Novembru 2011). F'dan il-każ, in kwantu l-ilment jinsab dirett fil-konfront ta' perjodu fejn kienet għaddejja l-fazi tal-interrogazzjoni min-naħa tal-Pulizija tali perjodu mhuwiex kopert fil-protezzjonijiet maħsuba bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk ladarba ċ-ċirkostanzi kkontestati jmorru lura għal ġrajjiet li seħħew qabel ma kienu laħqu nbdew xi proċedimenti, allura dan ifisser li din il-parti tal-ilment ma tistax taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Isegwi għalhekk li dan l-artikolu ma japplikax in kwantu qiegħdha tiġi attakkata l-istqarrija li rrilaxxa r-rikorrenti;

2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ġialadarba l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, dina l-azzjoni kostituzzjonali hija waħda prematura. Dan qiegħed jingħad stante li minkejja li ġie preżentat l-Att tal-Akkuża in konfront tar-rikorrenti, il-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali għadhom ma ġewx appuntati għas-smigħ bil-konsegwenza li f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li proċeduri kriminali jiġu diskussi u trattati *in vacuo*;

   Illi ġie stabbilit b'mod kostanti fil-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieg li l-proċess ġudizzjarju jiġi ezaminat fit-totalita' tiegħu. Bħala

regola, sabiex jkun jista' jiġi apprezzat jekk proceduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru iżda irid iħares u jezamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sustanza u fl-apparenza (ara *Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996).

Illi sabiex jiġu applikati l-elementi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Ġenerali* deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konkluzjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (*Pullicino vs Onor. Prim Ministru et* deċiża fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).

Illi r-rikorrenti ma jistax jasal għall-konkluzjoni li ġie miksur id-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu u dik tax-xhieda prinċipali. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, allura r-rikorrenti jgawdi mis-salvagwardji kollha tal-proċess ġudizzjarju.

Għalhekk il-fatt waħdu li r-rikorrenti rilaxxa stqarrija mingħajr assistenza ta' avukat jew li x-xhieda prinċipali ma kellhomx assistenza ta' avukat waqt li rrilaxxaw l-istqarrija tagħhom ma ssostnix l-ilment tal-ksur ta' dritt ta' smigħ

xieraq għaliex dawn waħidhom mhumiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur. Jiġi b'hekk li l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq jista' jiġi eżaminat biss ladarba l-proċess kriminali tiegħu jiġi konkluż;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, in kwantu r-rikorrenti qiegħed jallega ksur tad-dritt għal smigħ xieraq naxxenti mit-teħid tal-istqarrija, l-esponenti jissottometti li bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali li persuna akkużata b'reat kriminali jkollha proċedura li jinżammu bil-garanziji ta' smigħ xieraq. Illi l-fatt fih innifsu li persuna ma tkunx tħalliet tikseb parir legali qabel l-interrogatorju tagħha ma jwassalx awtomatikament għall-konkluzjoni li ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq. Illi sabiex in-nuqqas ta' assistenza legali tkun tista' potenzjalment twassal għal ksur tad-dritt għal smigh xieraq irid jigi muri b'mod sodisfacenti li minhabba dak in-nuqqas inħoloq periklu illi persuna tinsab ħatja meta ma għandux ikun hekk;

Illi dak li jiggarantixxu l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa dritt għal smigħ xieraq u mhux dritt għall-għajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed l-istqarrija. Illi marbut ma' dan, id-dritt għal smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalita` tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' xi mument speċifiku;

Illi wieħed ma jridx jinjora wkoll il-fatt illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta. Ir-rikorrenti ngħata t-twissija skont il-liġi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontra tiegħu. Illi l-istess

rikorrenti kien qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha u dan kif jirrizulta mill-istess kontenut tal-istqarrija minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ma wieġeb għall-ebda domanda, ma ffirmax l-istqarrija u li bl-ebda mod ma nkrimina ruħhu. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti ngħata d-dritt li jieħu parir mingħand avukat qabel jirrilaxxa l-istqarrija tiegħu u li għalhekk ir-rikorrenti ma jistax jallega li huwa kien sprovvist kompletament minn għajnuna ta' avukat. Illi magħdud ma' dan, ir-rikorrenti ma sofra ebda pressjoni, theddid jew influwenza fit-teħid tal-istqarrija u lanqas jista' jiġi kkunsidrat bħala persuna vulnerabbli u dan stante li meta kien interrogat l-istess rikorrenti kellu tmienja u għoxrin sena li jfisser li kellu diġa' esperjenza tal-ħajja u li ċertament li ma jistax jitqies bħala persuna vulnerabbli.

Illi d-dritt għall-assistenza legali fil-mument tal-interrogazzjoni ġiet imfissra u interpretata mill-Qorti Ewropea f'diversi kazijiet fejn l-interpretazzjoni nfidlet kemmxejn mill-interpretazzjoni oriġinali li kienet ingħatat għal ċertu perijodu għal liema sentenzi jirreferi għalihom ir-rikorrenti fir-rikors promotur tiegħu. Fil-kuntest ta' dan l-izvilupp ġurisprudenzjali, l-esponenti jirreferi għad-deċizjoni mogħtija mill-Grand Chamber fl-ismijiet **Beuze v. Belgium** fejn ġew elenkati numru ta' fatturi li kellhom jittieħdu in kunsiderazzjoni fil-kuntest tal-proċeduri fit-totalita' tagħhom sabiex wieħed jista' jasal għall-konkluzjoni jekk effettivament inkisirx id-dritt għal smigħ xieraq naxxenti mit-teħid ta' stqarrija mingħajr assistenza legali. Illi wara li ngħatat is-sentenza **Beuze v. Belgium** il-Qorti Ewropeja kellha l-opportunita' li tevalwa s-sistema proċesswali kriminali nostrana sabiex tara jekk is-sistema Maltija toffrix garanziji biżżejjed anke jekk id-dritt ta' avukat ikun ristrett b'mod sistematiku u fejn ma jirrizultawx raġunijiet impellenti. In fatti, fil-kawza fl-ismijiet **Farrugia v. Malta** li ngħatat fl-4 ta' Gunju 2019, il-Qorti

Ewropeja sabet li l-fatt li persuna ma kinitx ingħatat assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u dan peress li kien hemm restrizzjoni sistematika dan fih innifsu ma jiksrix id-dritt ta' smigħ xieraq stante li s-sistema nostrana toffri garanziji ta' smigħ xieraq tul il-proċess kriminali li jinnewtralizzaw tali restrizzjoni bil-konsegwenza li s-sistema Maltija tissodisfa t-test tal-*overall fairness* fil-proċeduri kriminali.

4. Illi għal dak li jirrigwarda l-istqarrijiet li ġew rilaxxati mix-xhieda prinċipali, l-esponenti jissottometti li hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. Illi dan japplika rrispettivament jekk it-terz li jkun irilaxxa l-istqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat jittellax bħala xhud jew ikun ko-akkuzat fil-proċeduri kriminali. Illi l-persuna li tittiħdilha stqarrija għandha kull dritt li tikkontesta tali stqarrija jekk fil-fehma tagħha l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż madanakollu fil-kaz odjern ma jidhirx li x-xhieda ikkontestaw l-istqarrijiet tagħhom jew ilmentaw li tali stqarrijiet ittieħdu b'abbuz għalkemm kellhom kull fakulta` u aċċess ħieles għall-Qorti sabiex jagħmlu hekk jekk ħassew il-htiega. Illi mir-rikors promotur stess jirriżulta li x-xhieda prinċipali stess fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet tagħhom ippreżentata fl-Att tal-Akkuza numru 14/2012 talbu li l-istqarrijiet jiġu dikjarati ammissibbli. Ġialadarba li x-xhieda prinċipali mhumiex qegħdin jikkontestaw l-istqarrijiet li taw huma stess, tali stqarrijiet għandhom jitqiesu bħala xhieda ammissibbli kif ukoll kull xhieda li ngħatat u li saret referenza għaliha waqt il-proċeduri għandha titqies bħala xhieda ammissibbli inkluż l-istqarrijiet ġuramentati tax-xhieda prinċipali.

Illi magħdud mas-suespost, wieħed ma jridx jinjora l-fatt li l-istqarrijiet rilaxxati minn terzi jintuzaw biss biex jikkontrollaw lit-terz waqt ix-xhieda li jkun qiegħed jagħti f'każ li tali xhud ibiddel il-verzjoni tiegħu. Illi fil-mument li xhud li jkun irilaxxa stqarrija jixhed *viva voce* quddiem qorti penali jiskattaw id-drittijiet tal-akkużat inkluż dak li jikkontro-eżamina lix-xhud biex isostni l-aħjar mod id-difiża tiegħu u b'liema kontro-eżami l-akkużat ikun qiegħed jeżerċita l-kontroll tiegħu bħala difiża.

Illi d-dritt ta' smigħ xieraq ma jagħti l-ebda dritt lill-persuna akkużata li wettqet reat kriminali li ma titressaq l-ebda xhieda li tista' b'xi mod tkun ta' ħsara għaliha, bħallikieku persuna akkuzata bi twettiq ta' reat għandha dritt li f'kull kaz tinstab mhux ħatja jew li l-principju tal-*equality of arms* tfisser li l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-kaz tagħha. Illi fil-fehma tal-esponenti, l-fatt waħdu li ssir stqarrija meta min jagħmilha ma jkollux l-għajnuna ta' avukat ma huwiex *ipso facto* bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u dan japplika b'aktar forza meta minn jirrilaxxa l-istqarrija qatt ma jkun illamenta minn tali stqarrija.

Illi l-Qorti Kostituzzjonali kellha l-opportunita' li tippronunzja ruħha fuq dina l-kwistjoni fl-atti tar-referenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi** deċiza fit-13 ta' Frar 2017 fejn il-Qorti Kostituzzjonali ma sabet l-ebda ksur tal-jedd ta' smiegħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tax-xhud ewlieni meta tali xhud ma kinitx assistita minn avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija tagħha. Fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali stess fil-paragrafu 17 et seq tas-sentenza tagħha insibu illi "*Applikati dawn il-prinċipji għall-kaz tal-llum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li ttieħdet waqt l-interrogazzjoni tagħha*

*ttieħdet mingħajr ma kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet l-istqarrija kellha kull fakolta li tikkontestaha izda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xhieda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċahditihiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha – għalkemm kellha kull fakolta li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l-istqarrija għandha titqies bħala xhieda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu l-attur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtih il-jedd għal smigħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel il-kontro-eżami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu".* Huwa ċar għalhekk li l-Qorti Kostituzzjonali diġa' stabbiliet il-prinċipju li ma hemm l-ebda leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq naxxenti mit-teħid ta' stqarrija ta' terz li ma jkunx assistit minn avukat meta tittieħed l-istqarrija u liema terz ikun eventwalment imħarrek bħala xhud fil-proċeduri kriminali.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma pjuttost qosra u svolġew kif ġej:

07.05.2014 ir-rikorrent ġie nterrogat mill-Ispettur Nikolai Sant, wara li ġie mwissi bid-dritt li jibqa' sieket u li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni. Dimech għażel li la jkellem avukat u lanqas iwieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu mill-ispettur.

08.05.2014 il-Pulizija xliet lir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja b'reati kriminali marbuta mad-droga. Fost il-provi mressqa kien hemm l-istqarrijiet ta' Justin Zahra u Wayne Pisani.

04.10.2017 Inħareġ Att tal-Akkuża numru 12/2017 kontra r-rikorrent;

Ikkunsidrat:

Illi għalkemm fil-premessi r-rikorrent jilmenta min-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tiegħu u qabel ġew rilaxxjati l-istqarrijiet taż-żewġ xhieda Justin Zahra u Wayne Pisani – li m'humiex parti f'din il-kawża – it-talba hija limitata għal pronunzjament mill-Qorti li r-rikorrent ma kellux l-assistenza legali. Għalhekk il-Qorti sejra tillimita ruħa – kif inhi obbligata tagħmel – għall-paramatri posti minn din it-talba u mhix sejra tieħu konjizzjoni tal-modalita' tal-interrogazzjoni taż-żewġ xhieda msemmija;

Illi l-Qorti sejra tibda biex titratta t-tieni eċċezzjoni tal-intimat għaliex jekk din tintlaqa' ma jkunx hemm ħtieġa li teżamina l-eċċezzjonijiet l-oħrajn. Huwa skontat li m'hemm l-ebda jedd fundamentali taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni jew taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-assistenza t'avukat waqt l-interrogazzjoni bħala tali. Hemm jedd fundamentali għal smiegħ xieraq. Biex jiġi stabbilit ksur ta' dan il-jedd, irid jiġi eżaminat il-proċess – f'dan il-każ proċess kriminali – fit-totalita` tiegħu u mhux jiġi maqsum biex issir enfasi fuq xi episodju partikolari[1]. F'dan il-każ il-proċeduri għadhom fil-bidu tagħhom u għalhekk mhux possibbli f'dan l-istadju li l-Qorti tbassar kif sejjer ikun l-*iter* proċesswali sħiħ. Dan ma jfissirx li

[1] Ara fost l-oħrajn Il-Pulizija v Dr Melvyn Mifsud 26.04.2013 u l-ġurisprudenza ivi ċċitata; Ronald Agius vs Avukat Generali 30.11.2001 Qorti Kostituzzjonali

element proċedurali partikolari ma jistax minnu nnifsu ikun tant deċiżiv li l-korrettezza tal-proċess ma tkunx tista' tiġi ddeterminata qabel[2]. Imma f'dan il-każ il-Qorti ma tista' ssib l-ebda ċirkostanza bħal din. Ir-rikorrent ġie avżat, skont id-disposizzjonijiet tal-liġi kif kienet dak iż-żmien, bid-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogazzjoni. Huwa rrinunzja għal dan id-dritt. Huwa minnu li waqt l-interrogazzjoni ma kienx assistit minn avukat u ma ġiex infurmat li għandu dritt bħal dan. B'danakollu ġie mwissi li kellu d-dritt li ma jweġibx għad-domandi u fil-fatt ir-rikorrent ma wieġeb għall-ebda domanda li saritlu. Għalhekk ma jirriżultax – dejjem f'dan l-istadju - li r-rikorrent sofra xi nuqqas ta' smigħ xieraq. Ma ressaq l-ebda prova li bis-silenzju tiegħu seta' nkrimina ruħu;

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti ssib li din il-proċedura hija intempestiva u għalhekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrent b'riżerva għal kull dritt li jista' jkollu li jerġa' jressaq l-ilment tiegħu mill-ġdid fil-waqt opportun.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF

---

2 Noel Arrigo v Malta 10.05.2005 Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem